Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1890

30.7.2026

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1890**

**tad-29 ta' Lulju 2026**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tas-somma tal-furan, tat-2-metilfuran u tat-3-metilfuran fl-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u għat-tfal żgħar u fl-ikel tat-trabi**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 ([2]) jistabbilixxi l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel.

(2) Il-furan u l-alkilfurani, li jinkludu l-metilfurani bħat-2-metilfuran u t-3-metifuran, huma kontaminanti tal-proċess li jiffurmaw fl-ikel matul it-tisħin.

(3) Fl-2017, il-Bord dwar Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel ("il-Bord CONTAM") tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adotta opinjoni xjentifika dwar ir-riskji li l-preżenza tal-furan u tal-metilfurani fl-ikel toħloq għas-saħħa pubblika ([3]). Fl-opinjoni tiegħu, il-Bord CONTAM ikkonkluda li l-livelli attwali ta' esponiment għall-furan jindikaw tħassib għas-saħħa. Fir-rigward tal-metilfurani, il-Bord ikkonkluda li dawn jistgħu jżidu b'mod sinifikanti l-esponiment ġenerali għall-furan u għall-alkilfurani u li, għalhekk, huma ta' tħassib akbar għas-saħħa. Madankollu, peress li hemm nuqqas ta' data dwar il-preżenza tal-metilfurani fl-ikel, il-Bord CONTAM irrakkomanda li tinġabar data addizzjonali f'dan il-qasam.

(4) Fl-2022, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni ([4]) għall-monitoraġġ mill-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mal-operaturi tan-negozju tal-ikel, tal-furan, tat-2-metilfuran u tat-3-metilfuran fl-ikel, b'mod partikolari fil-kafè, fl-ikel tat-trabi fil-vażetti (inkluż l-ikel tat-trabi fil-kontenituri, fit-tubi u fil-boroż), fis-sopop lesti biex jittieklu, fil-krisps magħmulin mill-patata, fil-meraq tal-frott, fiċ-ċereali tal-kolazzjon, fil-gallettini, fil-crackers u fil-ħobż iqarmeċ.

(5) Fl-2024, kien hemm diversi notifiki fis-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF, Rapid Alert System for Food and Feed) dwar il-preżenza ta' ċerti livelli ta' furan, 2-metilfuran u 3-metilfuran fl-ikel tat-trabi li huma ta' tħassib għas-saħħa.

(6) Filwaqt li jitqiesu l-konklużjonijiet tal-opinjoni xjentifika tal-Bord CONTAM, id-disponibbiltà tad-data dwar l-okkorrenza u tan-notifiki tal-RASFF, jixraq li jiġu stabbiliti l-livelli massimi għall-preżenza tal-furan, tat-2-metilfuran u tat-3-metilfuran fl-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u għat-tfal żgħar u fl-ikel tat-trabi.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/915 jiġi emendat kif xieraq.

---

([1]) ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1993/315/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 tal-25 ta' April 2023 dwar il-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 (ĠU L 119, 5.5.2023, p. 103, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/915/oj).

([3]) EFSA CONTAM Panel (EFSA Panel on Contaminants in the Food Chain), "Scientific opinion on the risks for public health related to the presence of furan and methylfurans in food", *EFSA Journal* 2017;15(10):5005, 142 pp., https://doi.org/10.2903/j.efsa.2017.5005.

([4]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/495 tal-25 ta' Marzu 2022 dwar il-monitoraġġ tal-preżenza tal-furan u tal-alkilfurani fl-ikel (ĠU L 100, 28.3.2022, p. 60, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2022/495/oj).

(8) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jħejju għar-regoli l-ġodda fl-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u għat-tfal żgħar u fl-ikel tat-trabi, jixraq li jiġi previst żmien raġonevoli sakemm jibdew japplikaw ir-regoli l-ġodda. Jixraq ukoll li jiġi previst perjodu tranżitorju fir-rigward tal-ikel li fih il-furan, it-2-metilfuran jew it-3-metilfuran, li jiġi introdott fis-suq legalment qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2023/915 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 10(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-fażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-ikel introdott legalment fis-suq qabel id-dati msemmija fil-punti minn (a) sa (s) jista' jibqa' fis-suq sad-data tad-durabbiltà minima tiegħu jew sad-data sa meta għandu jintuża:";

(b) jiżdied il-punt (s) li ġej:

"(s) L-1 ta' Jannar 2028 fir-rigward tal-livelli massimi għas-somma tal-furan, tat-2-metilfuran u tat-3-metilfuran, espressa bħala furan, stabbiliti fil-punt 5.6 tal-Anness I"

(2) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2026.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

Fit-Taqsima 5 “Kontaminanti tal-ipproċessar” tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/915, tiżdied l-entrata 5.6 “Is-somma tal-furan, tat-2-metilfuran u tat-3-metilfuran, espressa bħala furan”:

| “5.6 | **Is-somma tal-furan, tat-2-metilfuran u tat-3-metilfuran, espressa bħala furan** | Livelli massimi (μg/kg) | Rimarki |
|---|---|---|---|
| | | | Għas-somma tal-furan, tat-2-metilfuran u tat-3-metilfuran, espressa bħala furan, il-livelli massimi jirreferu għall-konċentrazzjonijiet tal-livell inferjuri, li huma kkalkulati bis-suppożizzjoni li l-valuri kollha taħt il-limitu tal-kwantifikazzjoni huma żero.<br>Fattur ta’ 0,83 huwa applikat għal-livell tat-2-metilfuran u tat-3-metilfuran u l-livell massimu jirreferi għas-somma tal-furan + 0,83 × 2-metilfuran + 0,83 × 3-metilfuran |
| 5.6.1 | Ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u għat-tfal żgħar [3] | 40 | |
| 5.6.2 | Ikel tat-trabi [3] | | |
| 5.6.2.1 | Ikel tat-trabi bbażat fuq il-ħalib u bbażat fuq il-frott<br>Ikel tat-trabi li jikkonsisti f’taħlita ta’ ħalib u frott | 30 | Il-livell massimu japplika għall-ikel tat-trabi li fih mill-inqas 80 % ta’ ħalib, frott jew taħlita ta’ ħalib u frott.” |
| 5.6.2.2 | Ikel ieħor tat-trabi | 80 | |